**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR JEAN PAUL GRECH**
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023**

Kawża Numru: 18/2018 (JPG)

**Lawrence Borg**

**vs**

**Joseph Micallef**

- **Preliminari**

It-Tribunal

Ra l-avviż tat-talba tal-attur Lawrence Borg ipprezentat fl-erbatax (14) ta' Ġunju 2018 fejn l-attur talab lit-Tribunal jordna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' erbat elef u tnejn u tletin Euro u erbgħa ċentezmi (€4,032.04) rapprezentanti bilanċ minn ammont akbar dovut ghal xogħol li sar fuq swimming pool mill-istess attur fuq inkarigu tal-konvenut. Dan flimkien ma' ħlas ta' imgħaxxijiet fuq l-ammont dovut kif wkoll spejjez tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Frar 2018 u l-ittra uffiċċjali ta' Marzu 2018.

Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Micallef fejn dan eccepixxa li:

(a) t-talbiet tal-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante li ma hu dovut l-ebda ammont mill-konvenut u dan kif se jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-avviz;

(b) fi kwalunkwe kaz, l-ammont pretiz mir-rikorrenti huwa esagerat.

(c) salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Ra l-affidavits prezentati mill-partijiet kif wkoll id-dokumenti annessi mal-istess affidavits;

Ra l-atti l-oħra kollha tal-proċess;

Ikkunsidra;

- **Rijassunt tax-Xhieda**

**Lawrence Borg** xehed[1] kif huwa kien tqabbad mill-konvenut Joseph Micallef biex jiksi l-pool li kellu Micallef bil-madum. Ix-xogħol kien jikkonsisti filli jbattal l-pool mill-ilma, jobroxha biex ineħħilha z-zebgħa, jaqla' l-borduna tad-disinn u jiksiha bil-madum tal-muzajk. Wara li kien għamel dan ix-xogħol, Micallef infurmah li ried wkoll jagħmel il-jacuzzi bil-madum tal-muzajk. Borg ħadem din wkoll. Huwa kompla jgħid li l-ftehim kien li se jitħallas bil-metru u għalhekk ġie imkejjel kollox u inħareġ il-kont. Ix-xogħol sar għall-ħabta tal-2014.

Xi jiem wara li tlesta x-xogħol, il-pool imtliet bl-ilma. Irrizulta li kien hemm xi problema fil-pipes tal-pool. Borg kellem lil tad-Dolphin Pools u dawn marru biex jirranġaw il-problema li kien hemm. Borg jgħid li Micallef qallu biex Borg iħallas lil tad-Dolphin Pools hu u imbagħad Borg kellu jzid dan mal-kont tiegħu.

Wara li lesta x-xogħol, Borg sar jaf li Micallef kien marad u kellu bzonn kura barra minn Malta. Għalhekk ma qagħadx idejqu għall-kont. Meta imbagħad bdiet taħdem miegħu Joshuella Bonnici, din kienet marret bl-ilma għall-pool ta' Micallef u kellmet lil mart Micallef biex hija tgħaddilha l-indirizz ħalli jintbagħat il-kont tax-xogħol. Bonnici kienet marret wkoll għand tad-Dolphin Pools u ġabret il-kontijiet tat-tiswijiet li kienu saru. Dan biex ikun jista' jinħareġ il-kont.

Il-kont intbagħat. Pero dan ma tħallasx u Bonnici bdiet iccempel ta' sikwit lil Micallef biex jħallas. Pero dan ma kienx baqa' jirrispondi l-mobile. Wara ħafna ġiri, Micallef kien ħallas l-ammont ta' elfejn ewro (€ 2,000) akkont tax-xogħol,

[1] Fol. 15 et seq.

liema ħlas sar b'cekk. Minn dakinhar 'l hawn kull meta Bonnici kienet tagħmel kuntatt ma' Micallef, dan kien jgħidilha biex tgħaddilu l-indirizz ħalli jibgħat cekk bil-pagament li kien għadu dovut. Micallef pero ma ħallas xejn. Borg temm jgħid li l-kont kollu kien ta' € 6,032.04 li minnu Micallef kien ħallas € 2,000 u għalhekk kien baqa' bilanc ta' € 4,032.04 x'jitħallas lilu.

**Joseph Micallef** xehed[2] li għall-ħabta tal-2014 waqt li Borg kien għandu biex jimla' l-pool kien ħajru biex jiksiha bil-madum. Micallef tħajjar u talbu stima tax-xogħol. Borg kien tah stima fl-ammont ta' € 4,066.77 u x-xhud esebixxa kopja ta' din l-istima. Micallef accetta l-istima u l-ftehim kien li x-xogħol kellu jsir x'ħin hu u martu kellhom jkunu imsefrin. Martu ma kienet taf b'xejn dan u allura ried jagħtiha sorpriza la jiġu lura.

Micallef caħad li huwa kellu xi jacuzzi fil-pool. Il-pool kellha biss forma partikolari peress li parti minnha kienet izjed baxxa biex jgħumu t-tfal fiha. Ix-xhud ikkonferma wkoll li x'ħin tlesta x-xogħol tal-madum kien hemm il-bzonn li jiġu irranġati l-pajpijiet. Pero dan il-kont kien tħallas direttament minnu lil Dolphin Pools.

Micallef kompla jgħid li ftit wara li sar ix-xogħol, huwa kien ħallas lil Lawrence Borg l-ammont ta' elfejn ewro (€ 2,000) akkont. Dawn kien ħallashom fi flus kontanti fejn il-grawnd tal-football. Micallef qal li għalkemm Borg kien sostna li dakinhar il-pagament sar b'cekk, Micallef insista li dak il-pagament kien sar fi flus kontanti. Borg baqa' qatt ma tah ricevuta, lanqas waħda informali għal dan il-pagament, u kien għalhekk li Micallef għamel it-tieni pagament permezz ta' cekk.

Wara li sar dan it-tieni pagament, Micallef qal li Borg beda jibgħatlu kont aktar mill-istima ta' € 4,066.77 li kien tah inizjalment. Beda jitolbu l-ammont ta' € 6,032.04. Borg kien qed isostni li minn dan l-ammont huwa kien ħallas biss € 2,000 u allura kien jonqsu bilanc ta' € 4,032.04. Micallef insista li dan il-kont qatt ma kien rah qabel tah ic-cekk ta' € 2,000 għax kieku zgur li kien jikkontestah. Wara li rcieva dan il-kont Micallef ma ħallas xejn aktar.

Micallef zied jgħid wkoll li lanqas huwa minnu dak dikjarat minn Borg li huwa kien siefer għall-kura. Il-kura kien ħadha kollha Malta u meta Borg tqabbad u lesta mix-xogħol, huwa kien lesta mit-terapija li kellu jagħmel.

[2] Fol. 20 et seq

B'riferenza għall-involvimet ta' Joshuella Bonnici u li din kienet tkellem lill-martu, Micallef qal li martu qatt ma kienet involuta fid-diskors u n-negozjar ta' dan ix-xogħol. Dan peress li x-xogħol huwa ried jagħmlu b'sorpiza għaliha.

Ix-xhud temm jgħid li huwa għandu biss iħallas lil Borg l-ammont ta' € 66.77 u l-aktar l-aktar il-mitt ewro (€ 100) minħabba x-xogħol addizzjonali li saru fil-pajpijiet tal-pump room.

Ikkunsidra:

- **<u>Kunsiderazzjonijiet Legali u Fattwali</u>**

It-Tribunal f'dan il-każ huwa rinfaccjat b'żewġ verżjonijiet kontrastanti għal xulxin:

(a) Min-naħa 'l waħda hemm il-verzjoni tal-attur li qed jgħid li huwa għamel xogħol fil-pool tal-konvenut fuq inkarigu tal-konvenut stess. Dan ix-xogħol intela' għall-ammont ta' € 6,032.04. Minn dan l-ammont, l-attur tħallas biss is-somma ta' € 2,000 u għalhekk l-attur isostni li baqagħlu jiġbor bilanc ta' € 4,032.04;

(b) Min-naħa l-oħra hemm il-verzjoni tal-konvenut li qed isostni li l-valur totali tax-xogħol esegwit mill-attur kien jammonta għal € 4,066.77. Minn dan l-ammont huwa ħallas l-ammont ta' erbat elef ewro (€ 4,000) liema ħlas sar f'darbtejn. Pagament minnhom kien fi flus kontanti u l-ieħor kien permezz ta' cekk. Għalhekk il-bilanc li għadu dovut huwa ta' € 66.77 flimkien ma' ammont ta' mitt ewro (€ 100) in konnessjoni ma' xogħlijiet extra ta' pajpijiet fil-pump room tal-pool.

Huwa ben saput li fil-kamp civili il-grad tal-prova rikjest huwa dak li jkun hemm certezza morali f'moħħ il-ġudikant. Dan a differenza tal-kamp kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirrizulta mingħajr dubju ragjonevoli. Ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.[3]

[3] Ara ***Frank Giordmania Medici et v. William Rizzo u Gaetana Rizzo***, deciża fit-28 ta' April, 2004 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Moviment Azzjoni Socjali vs Noel Borg***, il-Qorti tal-Appell kienet ikkummentat hekk meta rinfaccjata b'żewġ verzjonijiet kontrastanti tal-pendenza li kellha quddiemha: *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*[4]

Fil-kaz odjern, it-Tribunal irid jasal għad-decizjoni tiegħu abbazi taz-zewġ affidavits li ġew prezentati u d-dokumenti annessi magħhom. Dan għaliex dawn huma l-unici provi li tressqu fil-ħames (5) snin li damet għaddejja din il-kawza. Lanqas kontro-ezamijiet ta' dawn l-affidavits ma saru mill-partijiet rispettivi. It-Tribunal jemmen li sabiex jasal għad-decizjoni tiegħu huwa jrid iqis dawn iz-zewġ fatturi importanti:

(1) l-oneru tal-prova. M'hemmx dubju li l-piz tal-prova fil-kaz odjern kien fuq l-attur. La darba kien huwa li fetaħ il-kawza, huwa kien obbligat li jressaq il-provi in sostenn ta' dak reklamat minnu;

(2) il-kredibbilita tal-verzjonijiet mogħtija mill-kontendenti f'din il-kawza sabiex jiġi stabbilit liema mill-verzjonijiet titqies li hija l-aktar kredibbli.

Wara li ezamina fid-dettal l-affidavits tal-partijiet, it-Tribunal silet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) Fix-xhieda tiegħu Lawrence Borg fl-ebda ħin ma għamel riferenza li qabel ma beda x-xogħol huwa kien ta stima bil-miktub lill-konvenut Joseph Micallef dwar kemm kellu jintela' x-xogħol. Minn dak li xehed il-konvenut, pero irrizulta li kienet ingħatat stima bil-miktub mill-istess attur u fil-fatt l-konvenut esebixxa kopja ta' din l-istima mal-affidavit tiegħu.[5] It-Tribunal jaraha stramba kif l-attur ħareġ din l-istima u imbagħad fl-istess affidavit huwa ma jsemmi xejn dwar dan il-punt fundamentali bħal donnha tali stima ma tezistix, aktar u aktar meta l-istess stima kienet tindika ammont

[4] Deciża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2014 (Appell Civili 188/2007/1). Ara wkoll ***Farrugia v. Farrugia*** deciża fl-24 ta' Novembru 1966 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.
[5] Ara Fol. 22 tal-process.

globali għax-xogħol li kellu jsir fuq il-pool. L-attur jgħid xi ftehmu u ma ftehmux il-partijiet, pero din l-istima ma tissemma’ xejn;

(b) Il-kont li fuqu l-attur qed jibbaza l-kawza tiegħu baqa’ qatt ma ġie prezentat fl-atti ta’ din il-kawza. Infatti mal-affidavit tiegħu, l-attur ipprezenta kopja biss tac-cekk li kien ħareġ Joseph Micallef bil-ħlas ta’ elfejn ewro (€ 2,000). L-aktar prova bazika min-naħa tal-attur għalhekk ma saritx. Zgur li kien inħareġ kont għax l-attur jagħmel riferenza għal dan il-punt fl-affidavit. Li kieku ġie prezentat dan il-kont, dan kien jitfa’ dawl fuq diversi punti importanti indikati mill-attur fix-xhieda tiegħu fosthom: (i) meta inħareġ il-kont; (ii) kif kien hemm zieda mill-istima mogħtija oriġinarjament għall-ammont reklamat issa mill-attur; (iii) x’kien il-valur tax-xogħol tal-jacuzzi li l-attur jgħid li għamel; (iv) x’kien il-valur tal-affarijiet li l-attur ħallas lil Dolphin Pools Limited. La darba dan il-kont ma ġiex prezentat, dan il-fatt ma jistax jkun ta’ beneficcju għall-attur bħala l-persuna li għamel il-kawza;

(c) lanqas ma ġew prezentati l-kontijiet maħruġa minn Dolphin Pools. Dawn wkoll suppost li kienu fil-pussess tal-attur għax kif jistqarr l-istess attur, il-ħaddiema tiegħu Joshuella Bonnici kienet ġabret dawn il-kontijiet direttament mingħand Dolphin Pools. Dan biex l-attur seta’ jaħdem il-kont ta’ dak li kien dovut lilu mill-konvenut;

(d) Joshuella Bonnici - li fi kliem l-attur kienet involuta fil-kuntatti li kienu għaddejjin ma’ Micallef biex jinġabar dak li l-attur qed isostni li għadu dovut – baqgħet qatt ma xehdet f’dawn il-proceduri. Għalhekk dak li sostna Borg għar-rigward il-kuntatti li seta’ kellha Bonnici f’dan il-kaz baqgħu biss *detto del detto* u fl-ebda ħin ma ġew konfermati jew korraborati;

(e) It-Tribunal isaqsi wkoll x’kienet il-ħtieġa li l-ħaddiema tal-attur toqgħod titlob l-indirizz lil mart il-konvenut biex ikun jista’ jintbagħat il-kont. Dan meta l-attur kien konxju tal-istess indirizz tal-konvenut għaliex kien qiegħed imur jagħtih l-ilma għall-pool. Allura mela l-attur kien jaf fejn seta’ jsib il-konvenut!! Apparti minn hekk it-Tribunal isibha difficli biex jemmen kif fl-istess nifs li l-attur jgħid li l-konvenut ma ħallsux tax-xogħol

li kien għamillu, huwa baqa' jissuplixxieh bl-ilma mingħajr l-ebda problemi ta' xejn.

(f) It-Tribuna isibha wkoll difficli biex jemmen il-verzjoni tal-attur li kull darba li kien javvicina l-konvenut għall-ħlas, dan kien joqgħod jitolbu l-indirizz biex il-konvenut jkun jista' jibgħatlu c-cekk tal-ħlas. Mill-provi ħareġ li l-konvenut kien konxju tal-indirizz tal-attur għaliex fuq l-istima li tah l-attur kien hemm indikat l-indirizz tal-istess attur;

(g) Min-naħa l-oħra, it-Tribunal ma jistax ma jinnutax li dak li intqal mill-konvenut fl-affidavit tiegħu ġie sorrett bi provi dokumentarji. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, dan irendi l-verzjoni tal-konvenut ferm aktar kredibbli minn dik tal-attur. Mid-dokumenti prezentati mill-konvenut wkoll jirrizulta kif dak allegat mill-attur li fiz-zmien li kien tlesta x-xogħol, l-konvenut kien qed jircievi xi kura hija wkoll inveritiera. Dan għaliex id-dokumentazzjoni prezentata tindika li l-konvenut kien ħa l-kura ferm qabel ma inkariga lill-attur sabiex jagħmel ix-xogħol. Id-dokumentazzjoni tal-Isptar tirreferi għal Jannar 2013 mentri l-istima tax-xogħlijiet proposti inħarġet f' April 2014 u cioe aktar minn sena wara;

(h) Dak dikjarat mill-konvenut li effettivament huwa ried jagħti sorpriza lil martu bix-xogħol ta' rinovar fuq il-pool tirrizulta li hija verosimili. Mill-provi irrizulta li x-xogħol fuq il-pool sar x'ħin l-intimat u martu kienu imsefrin. Il-konvenut esebixxa mhux biss il-biljetti tal-ajru relattivi izda wkoll email ta' bintu mibgħuta waqt li l-konvenut u martu kienu imsefrin bir-ritratti li tindika l-andament tax-xogħol. Anke s-subject heading tal-istess email mibgħut fejn hemm indikat *"dawn għal għajnejk biss"* jagħti x'jifhem li kien hemm dan l-element ta' sorpriza;

(i) Il-konvenut ma qagħadx jomogħhda fejn kellu jagħti lill-attur. Mill-ewwel ammetta li għad baqagħlu jagħti l-bilanc ta' € 66.77 mill-istima oriġinali. Jgħid li huwa wkoll dispost li jħallas l-mitt ewro (€ 100) għax-xogħlijiet extra tal-pajpijiet tal-pools. Dan minkejja li huwa sostna li dan l-ammont kien ħallsu direttament lil Dolphin Pools;

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal iqis li l-attur ma rnexxilux jipprova l-kaz tiegħu sal-grad li trid il-liġi. Dan apparti l-fatt li fid-

dawl ta' dak li intqal aktar 'l fuq, it-Tribunal ma jqisx il-verzjoni tal-attur bħala waħda attendibbli. Hemm wisq mistoqsijiet fil-verzjoni tal-attur li baqgħu mhux imwieġba. Dan kuntrarju għall-verzjoni mogħtija mill-konvenut li għat-Tribunal hija waħda li hija aktar kredibbli u korraborata minn dik tal-attur. Għaldaqstant u in vista ta' dak ammess mill-konvenut, it-Tribunal sejjer biss jilqa' t-talba tal-attur limitatament għall-ammont ta' mija u sitta u sittin ewro u sebgħa u sebgħin centezmu (€ 166.77), rapprezentanti in kwantu għall-ammont ta' sitta u sittin ewro u sebgħa u sebgħin centezmu (€66.77) bilanc li għadu dovut mill-istima oriġinali (wara li mill-ammont ta' € 4,066.77 inqatgħu l-pagamenti ta € 4,000 li saru) u r-rimanenti mitt ewro (€ 100) huma x-xogħlijiet addizzjonali tal-pajpijiet tal-pool.

- **<u>Imgaxxijiet u Spejjez Legali</u>**

Għar-rigward l-imgħaxxijiet fuq l-ammont li t-Tribunal sejjer jordna li jitħallas, dawn għandhom jiddekorru mid-data tal-prezentata tal-avviz u cioe mill-erbatax (14) ta' Ġunju 2018. Dan għaliex ma ġietx prezentata l-ittra ufficjali li għaliha saret riferenza fl-avviz tat-talba.

Rigward l-ispejjez legali, la darba l-maġġior parti tat-talba tal-attur mhux sejra tintlaqa' dan għandu jkun rifless wkoll fil-kap tal-ispejjez. Għalhekk l-attur għandu jagħmel tajjeb għal disa' partijiet minn għaxra (9/10) tal-ispejjez filwaqt li r-rimanenti parti minn għaxra (1/10) għandhom jkunu a karigu tal-konvenut. Għar-rigward l-ispejjez tal-ittra interpellatorja u tal-ittra ufficjali, it-Tribunal mhux f'posizzjoni li jinkludi l-ispejjez ta' dawn l-ittri mal-ispejjez legali ta' din il-kawza. Dan għar-raġuni li prova ta' din il-korrispondenza baqgħet qatt ma inġabet.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi **<u>jilqa' limitatament</u>** it-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur l-ammont ta' **<u>mija u sitta u sittin ewro u sebgħa u sebgħin centezmi (€ 166.77)</u>** bl-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekorribbli mid-data tal-erbatax (14) ta' Ġunju 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-prezenti istanza (eskluz dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Frar 2018 u tal-ittra ufficjali ta' Marzu 2018) għandhom jkunu kwantu għal disa' partijiet minn għaxra (9/10) a karigu tal-attur u parti waħda minn għaxra (1/10) a karigu tal-konvenut. Spejjez tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Frar 2018 u tal-ittra ufficjali ta' Marzu 2018 għandhom jibqgħu a karigu tal-attur.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
*Gudikant*

(ft.) Rebekah Mizzi
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur